**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 77 – IT-TNEJN, 5 TA' DIĊEMBRU 2016 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Skużati: | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Rita Saliba | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 76**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**2 Punti mtella mill-Minuti 76**

2.1 Fir-rigward ta' para. 5.1, l-aġent SE infurmat li kienet saret il-laqgħa mal-kuntrattur tal-iskart fejn inġibdet l-attenzjoni tiegħu dwar diversi lmenti li kellu l-Kunsill. Min-naħa tal-kuntrattur dan informa li kien se jinstalla d-*data tracking* fuq l-i*scammels* li joperaw fuq il-lokalità.

2.2 L-Aġent SE infurmat li kienet tħejjiet ittra lill-Maltapost dwar para. 5.2.

2.3 L-Aġent SE infurmat li kienet tħejjiet ittra lill-Well Done Confectionery rigward para. 5.3 izda kienet għadha se tintbagħat. Minħabba li dawn il-planters kienu ġew mizbura diġà kien hemm qbil li l-ittra m'għandhiex tintbagħat.

2.4 Dwar para. 5.6, l-Aġent SE infurmat li l-Perit kienet qed tħejji l-istima tax-xogħlijiet fuq ir-rati li ntbagħtu mill-Kunsill biex isiru min-naħa tal-kuntrattur. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat kommunikazzjoni dwar l-istat tar-rawndebawt ta' qabel tinzel għall-Wied.

2.5 Dwar para. 5.10, l-Aġent SE infurmat li kienet bagħtet ittra kif ukoll tfakkira lill-Korporazzjoni tal-Ilma. Hija infurmat li wara li għamlet spezzjoni fuq il-post, innutat li s-siġar li hemm biswit il-ġibjun qegħdin fuq il-bankina u għaldaqstant huma responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

2.6 Fir-rigward taʼ para. 5.12, l-Aġent SE infurmat li kienet intbagħtet talba dwar il-bozoz ġodda fit-Triq tal-Balal.

2.7 Il-Kunsilliera Farrugia ġibdet l-attenzjoni li l-fuljett tal-Kunsill kien baqaʼ ma tqassamx u li issa kien għadda ħafna zmien. Kien hemm qbil li qabel ma jitqassam fuljett ieħor tinġibed l-attenzjoni tal-pustiera sabiex jiġi assigurat li ma jerġax jiġri dan.

2.8 Kien hemm qbil li l-presepju li ġie inawgurat fil-pjazza kien intlaqaʼ tajjeb ħafna.

2.9 Dwar para. 4.5, il-Kunsillier Cassar informa li s-sinjali fi Triq ir-Russett kienu saru.

2.10 Dwar para. 11, il-Kunsillier Cassar fakkar lis-sindku li kellu jirranġa laqgħa mal-Korporazzjoni Enemalta, b'mod speċjali fir-rigward taz-*zebra crossing* taʼ Triq Birkirkara. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lill-Enemalta fejn issir talba għal laqgħa dwar il-problemi tad-dawl fʼSan Ġwann.

2.11 Il-Kunsillier Cassar informa li r-rampa msemmija fʼpara. 5.14 kienet ġiet irranġata.

2.12 Il-Kunsillier Cassar informa li l-proġett tal-*urban greening* kien tlesta kollu. Nhar l-Erbgħa kellha ssir laqgħa maʼ rapprezentant tal-Ministeru sabiex issir spezzjoni tax-xogħlijiet li saru.

2.13 Il-Kunsillier Mallia reġaʼ fakkar dwar il-bzonn li tintbagħat talba għal *zebra crossing* fi Triq Bellavista. Kien hemm qbil li għandha ssir talba.

2.14 Il-Kunsillier Mallia reġaʼ staqsa x'sar mix-xogħlijiet li kellhom isiru fi Triq George Sayyar. Huwa ġie infurmat li l-kuntrattur kien spiċċa x-xogħol urġenti fuq il-proġett tal-urban greening dik il-ġimgħa stess u għaldaqstant ma kellux ċans jibda x-xogħol tal-ħadid tas-siġar.

**3 Pagamenti Numru 66**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier Cassar issekonda u l-lista ġiet approvata u ffirmata.

3.2 Il-Kunsilliera Farrugia staqsiet jekk tneħħiex it-tapit mill-*playing field*. Kien hemm qbil li jekk il-Kunsillier Cassar jikkonferma li dan tneħħa, iċ-ċekk jistaʼ jingħta, jekk le, għandu jinzamm sakemm inaddaf iz-zona mill-biċċiet li ħalla warajh.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku informa li ma kellux komunikazzjonijiet x'jgħaddi.

**5 Korrispondenza**

5.1 Is-Sindku informa li l-allokazzjoni għas-sena 2017 kienet se tkun ta' €770,809. Huwa informa li din is-sena, il-Kunsill kien ingħata zieda ta' €70,000 prinċiparjament biex jintuza għat-tindif.

5.2 Is-Sindku informa li kien hemm kommunikazzjoni minn TM fejn dawn talbu l-opinjoni tal-Kunsill dwar proposta għal *communal reserved parking for blue badge holders only* fi Triq San Pietru. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

5.3 Is-Sindku qara kommunikazzjoni mingħand WasteServ fejn dawn offrew li jagħtu *WEEE trolley* lill-Kunsill biex jinġabru affarijiet ta' elettronika. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

5.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand is-Sur Charles Falzon f'isem il-ħwienet ta' Misraħ Lewza. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jara l-*file* dwar din il-kwistjoni qabel ma tittieħed deċizjoni fil-Kunsill.

5.5 Is-Sindku qara kommunikazzjoni mingħand l-*All Ages Netball Club* sabiex tiġi organizzata *carwash* ħdejn il-Knisja Parrokkjali nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2017. Ma kienx hemm oġġezzjoni u l-Kunsill qabel li m'għandhiex titħallas il-mizata tal-permess.

5.6 Is-Sindku qara d-Direttiva Numru 5 li tirrigwardja d-donazzjonijiet li jista' jagħmel il-Kunsill.

5.7 Is-Sindku qara kommunikazzjoni mingħand is-Sur Tony C. Cutajar f'isem Wirt San Ġwann fejn dawn għamlu talba għal plakka jew kolonna bħala tifkira għall-kappella ta' Sant'Andrija. Wara diskussjoni kien hemm qbil fil-prinċipju izda li għandha ssir laqgħa biex din il-kwistjoni tiġi diskussa aktar fit-tul. Fl-istess ittra dawn kienu infurmaw ukoll li l-*pillbox* għandha tinħatt biċċa biċċa u titmexxa f'lok ieħor. Kien hemm qbil li din għandha tiġi diskussa fl-istess laqgħa. Għandu jkun hemm ukoll il-prezenza tal-perit tal-Kunsill.

5.8 Is-Sindku informa li kien irċieva talba mingħand TM fejn dawn issuġġerew li Triq tal-Balal minn Triq Bellavista sa Triq Santa Katerina issir naħa fuq 3 *lanes* u naħa oħra fuq *lane* waħda. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa ma' TM qabel ma tittieħed xi deċizjoni fir-rigward.

5.9 L-Aġent SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva talba oħra mingħand TM fejn dawn issuġġerew li jpoġġu *bollards* faccata tas-Science Park biex wieħed ma jdurx lejn Mater Dei. Il-Kunsill informa li dik iz-zona kienet barra mil-lokalità ta' San Ġwann.

5.10 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva d-deċizjoni tal-appell dwar il-kaz tas-Sur John Gauci fejn il-kunsill kien rebaħ il-kawza.

5.11 Fuq talba tal-amministrazzjoni sabiex jinbidel il-*geyser* tal-kċina, ma kienx hemm oġġezzjoni.

5.12 Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jinbidel il-lastiku tal-*fridges*.

5.13 Il-Kunsillier Cassar wassal talba mingħand ir-residenti ta' Ta' Zwejt fejn dawn talbu li ssir platform għall–*bus stop.* Ma kienx hemm oġġezzjoni. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir dawl bl-enerġija solari (*solar powered light)*.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Il-Kunsillier Cassar talab li ssir *mountable centre strip* hdejn il-librerija minħabba l-periklu li qed ikun hemm. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Perit tal-Kunsill għandu jintalab jagħmel suġġerimenti min-naħa tiegħu għall-aħjar soluzzjoni kemm bħala *traffic management* kif ukoll għall-parkeġġ.

6.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba tal-Kunsillier Cassar sabiex jizdiedu t-tabelli tal-ħinijiet fi Triq il-Mensija.

6.3 Il-Kunsillier Cassar informa li x-xogħol fuq il-*bring in site* kien inbeda.

6.4 Il-Kunsillier Cassar informa li fi Triq il-Qasab kienu tħawlu 7 siġriet għoljin ħafna. Huwa ssuġġerixxa li ssirilhom bazi biex ma jaqgħux. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

6.5 Hawnhekk skuza ruħu l-Kunsillier Fenech. Il-ħin kien is-6:50pm.

6.6 Il-Kunsilier Cassar informa li kien hemm talba sabiex isiru *bollards* madwar il-kappella tal-Mensija. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

5.7 Il-Viċi Sindku infurmat li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni dwar fondi tal-UE li se jkunu aċċessibbli fil-futur qarib. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tagħha li l-Kunsill għandu jitfa' applikazzjoni sabiex issir riġenerazzjoni tal-għajn u l-isqaq ta' bejn il-

Għargħur u San Ġwann. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinvolvi l-Perit mill-aktar fis possibbli sabiex jibdew isiru l-preparamenti.

5.8 Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li l-għajn ta’ Triq tal-Ibraġġ qegħda f’sitwazzjoni ħazina u għaldaqstant talbet lill-Kunsill biex jikkunsidra li tiġi rrestawrata. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinforma lill-Perit dwarha.

5.9 Il-Kunsillier Cassar informa li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni sabiex inaddaf sit fi Triq il-Kuċċard u kien qed jingħata biss tlett ijiem sabiex inaddafha. Kien hemm qbil li l-Kunsill se jinfurmahom li m’għandux indikazzjoni jekk din is-sit hijiex pubblika jew privata.

5.10 Il-Kunsillier Farrugia infurmat li l-*bollards* li tpoġġew fi Triq Naxxar ma’ San Ġwann tal-Għargħar għandhom ikunu viċin aktar ta’ xulxin biex ikunu effettivi. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

5.11 Il-Kunsillier Farrugia infurmat li fi Triq it-Tulipani hemm siġra għolja ħafna u li tiċċaqlaq ħafna bir-riħ. Kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jintalab jiġi jara x’jista’ jsir dwarha.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2016 fil-5.30pm.

_________________________

**Josette Micallef**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

_________________________

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**